MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2013

Numru. 31/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spridione Zammit)**

**vs**

**David Lanfranco ta' 27 sena bin Lewis u Maria Asunta nee` Cuschieri imwieled Pieta' fid-9 ta' Gunju 1984 u joqghodf fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin jew 11 Triq Sant Anna, H'Attard, ID283884M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li giet akkuzat talli fil-21 ta' Novembru 2008 ghal habta ta' 3.15pm u xhur qabel waqt li kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal- Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew iforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emmendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

a) B'hekk rienda ruhu sr recidiv ai terminin tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai Termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat

u fuq kollox ir-rapport tal-Probation Officer minn fejn jirrizulta li l-imputat qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jirriforma hajtu u kwindi piena karcerarja effettiva mhix idonea aktar u aktar tenut kont tal-fatt illi l-kaz jirrisali ghas-sena 2008.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22 (1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikoli 33A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' elf euro (€1000) liema multa hija pagabbli b'zewg pamenti ta' tlett mija u tlieta u tletin euro (€333) li jkunu dovuti mill-04/02/2014 u 04/02/2015 u pagament iehor ta' tlett mija u tletin euro (€334) li jkun dovut fl-4 ta' Frar, 2016.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------